# LEĦEN IS-SANTWARJU TA' ĦAŻ-ŻABBAR

OTTUBRU 2022 – Ħarġa Nru: 204



*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

## X'NGĦOŻŻU L-AKTAR…?

Ilkoll kemm aħna nħabirku biex intejbu l-livell tal-ħajja tagħna. Naħdmu u nistinkaw biex nattrezzaw aktar id-dar tagħna, nagħmluha aktar komda, nagħmlu xi kapriċċi, ninvestu f'xi passatemp, nagħmlu xi korsijiet biex navvanzaw… u nagħmlu sew!

Imma kultant ninsew li l-aktar ħaġa importanti f'ħajjitna hi, li jkollna relazzjonijiet tajbin ma' dawk ta' madwarna – ma' dawk li ngħixu u naħdmu magħhom.

**Apprezzament**

Bħala bnedmin, ilkoll għandna l-karattri u l-opinjonijiet tagħna. Ilkoll nixtiequ li nkunu stmati, apprezzati, milqugħin kif aħna – bit-tajjeb u l-anqas tajjeb tagħna. Imma biex ħaddieħor jagħmel dan magħna, irridu aħna wkoll nagħmluh mal-oħrajn.

Biex ikollna relazzjonijiet tajbin, irridu nitħabtu għalihom. Kultant naħsbu li għax ngħixu taħt l-istess saqaf jew naħdmu fl-istess uffiċċju jew ażjenda, jew naħdmu fil-qasam tal-volontarjat, dan ifisser li kollox se jimxi sew.



Biex insaħħu r-relazzjonijiet tagħna, hemm bżonn li:

* *Napprezzaw lil xulxin.* Dak li naraw tajjeb fl-oħrajn, ngħiduhulhom. Meta jagħmlu xi suċċess infaħħruhom. Meta narawhom jagħmlu xi sforz biex itejbu l-imġieba tagħhom, nikkumplimentawhom.
* *Niddjalogaw bejnietna.* Jeħtieġ li min jgħix flimkien jew jaħdem ma' ħaddieħor, isib ħafna ħin jitkellem u jiddiskuti. Kultant nippreferu naħdmu u ntellgħu x-xogħol milli niddiskutu bejnietna. Tajjeb nuru l-opinjonijiet jew ix-xewqat tagħna sabiex naslu għal kompromess.
* *Nikkoreġu lil xulxin.* Jekk tassew nixtiequ l-ġid lil dak li jkun, importanti li nużaw il-korrezzjoni fraterna. Niġbdu l-attenzjoni ta' xulxin bl-imħabba. Ħadd mhu perfett jew awto-suffiċċjenti. Għandna bżonn lil xulxin biex nimmaturaw u nikbru inkella nibqgħu infantili.
* *Inqisu lil xulxin b'rigal*. Ħadd ma jista' jgħix daqsli kieku gżira. Il-fatt li ngħixu flimkien ifisser li aħna forċina għal xulxin. Aħna twelidna f'familja, morna l-iskola ma' sħabna, naħdmu flimkien ma' oħrajn. Aħna dak li aħna llum, permezz tar-relazzjonjijiet li kellna ma' tant nies.

**Mal-Mulej u ma' ta' madwarna**

Tajjeb għalhekk inħabirku biex ikollna relazzjonijiet kemm jista' jkun tajbin ma'

dawk ta' madwarna. U meta dawn jixxellfu, nagħmlu minn kollox biex intejbuhom. Fuq kollox, l-ewwel relazzjoni tagħna trid tkun mal-Mulej. Jekk ikollna relazzjoni tajba miegħu billi nisimgħu l-Kelma tiegħu u nwettquha, żgur li r-relazzjonijiet ma' dawk ta' madwarna se jkunu tajbin ukoll.

***Dun Evan***

## NILTAQGĦU NHAR … OTTUBRU 2022

**Sibt 1:** Santa Tereża tal-Bambin Ġesù – Tifkira O

**Ħadd 2:** **Is-27 Ħadd tas-sena.** Fil-parroċċa niċċelebraw **il-festa tal-Madonna tar-Rużarju**. Fil-5.30pm quddiesa bil-kant u l-omelija u wara purċissjoni bil-vara tal-Madonna tar-Rużarju. Fid-dħul, ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Tlieta 4:** San Franġisk t'Assisi – Tifkira O

**Ġimgħa 7:** L-Imqaddsa Verġni Marija tar-Rużarju – Tifkira O

**Sibt 8:** L-Anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Katidral – Festa

**Ħadd 9:** **It-28 Ħadd tas-sena**

**Sibt 15:** Santa Tereża ta' Ġesù – Tifkira O

**Ħadd 16:** **Id-29 Ħadd tas-sena**

**Tnejn 17:** Sant'Injazju ta' Antijokja, isqof u martri – Tifkira O

**Tlieta 18:** San Luqa, evanġelista – Festa

**Ħadd 23:** **It-30 Ħadd tas-sena**. Niċċelebraw *il-Ġurnata Missjunarja.* Fis-santwarju niċċelebraw **is-Solennità tad-Dedikazzjoni tal-Knisja.** Fl-10.15am Konċelebrazzjoni Solenni. Filgħodu jsir is-seminar għall-kandidati tal-Griżma u l-ġenituri tagħhom.

**Ġimgħa 28:** San Xmun u San Ġuda – festa

**Ħadd 30:** **Il-31 Ħadd tas-sena.**

**L-Intenzjoni tal-Papa għal Ottubru 2022**

*Knisja miftuħa għal kulħadd*



Nitolbu biex il-Knisja tkun dejjem fidila u kuraġġuża fix-xandir tal-Evanġelju. Jalla tkun komunità ta' solidarjetà, fraternità, li tilqa' lil kulħadd u dejjem tgħix f'atmosfera ta' sinodalità.

### INGĦAQDU MAL-MULEJ GĦAL DEJJEM

*(Awwissu-Settembru)*

Nathan Galea (33), Joseph Cauchi (77), Emanuel Zammit (62), Joseph Brincat (78), Roberta Aquilina (83), Emanuel Camilleri (71), Joseph Mifsud (78), Maria Cassar (83), Grazio Axiaq (72), John Mary Buhagiar (85), Catherine Schembri (69), Felix Chetcuti (65), Grace Cucciardi (80), Maria Calleja (94), Alfred Barbara (72), Josephine Bondin (84), Maria Scerri (62), Aristea Pisani (93), John Darmanin (72), Eufrasia Vella (88), Josephine Dalli (85), Carmel Esposito (75), Ġużeppi Camilleri (84).